A.L. 353 ta' l-2002

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Għarfien ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv Privati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija minn taqsima bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Għarfien ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv Privati).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li dahlu fis-seħħ fi 2 ta' Diċembru, 2002.

Għarfien ta' skemi privati ta' investiment kollettiv.

2. Skema ta' investiment kollettiv li tillimita l-għadd totali ta' parteċipanti għal ħmistax-il persuna u meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li –

(i) il-parteċipanti jkunu ħbieb sew jew qraba tal-promouturi;

(ii) l-iskema hija essenzjalment privata fin-natura u l-iskop tagħha; u

(iii) l-iskema ma' tikkwalifikax bħala fond ta' investitur professjonali għat-termini tal-Linji-gwida maħruġin għal dan l-iskop mill-awtorità kompetenti;

ma tkunx soġġetta għal liċenzja skond l-artikolu 4 ta' l-Att imma tkun soġġetta għall-għarfien ta' Awtorità Kompetenti taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda li wieħed mill-parteċipanti jista' jkun korp ġuridiku, soġġett għal dawk ir-restrizzjonijiet, ħtiġiet u kondizzjonijiet kif stipulati fil-Linji-gwida maħruġin mill-Awtorità Kompetenti skond l-artikolu 6 ta' l-Att.

Għarfien miktub.

3. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 2 ma joperawx awtomatikament imma l-applikabilità tagħhom għandha tkun soġġetta għal għarfien miktub mill-Awtorità Kompetenti. Għandu jitħallas dritt fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal għarfien kif imsemmi qabel u wara dan ta' kull sena skond ir-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Liċenzji u Ħlasijiet Oħra).

Linji-gwida.

4. L-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien toħroġ Linji-gwida biex tirregola ulterjorment l-għarfien ta' skemi ta' investiment kollettiv privati li jistgħu jinkludu ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mas-sottomissjoni ta' kull tali informazzjoni, konferma u dokumentazzjoni kif jistgħu jkunu stabbiliti.

Att dwar it-Taxxa fuq l-Income.

Kap. 123.

5. Kull għarfien mogħti skond dawn ir-regolamenti m'għandux jitqies li jkun liċenzja għall-iskopijiet ta' taqsimiet 2 u 12 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Dispożizzjoni transitorja.

6. Skema ta' investiment kollettiv li kienet eżenti għall-iskopijiet tal-ħtieġa għal liċenzja taħt l-Att skond il-paragrafu (ċ) tar-regolament 4 tar-Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' l-1995 għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, kif kien fis-seħħ minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandha tkun konformi ma' dawn ir-regolamenti fi żmien perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.